MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Numru 401/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**

**vs**

**DEAMER BARTOLO**

**Illum 21 ta' Lulju, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Deamer Bartolo ta' 21 sena iben Andrew u Giorgina nee` Debono imwieled il-Pieta fit-3 t'April, 1983 u joqghod Flat 2 'St. Anthony' Amante Attard Street, Zebbug detentur tal-karta tal-identita` Nru. 0214483M gie akkuzat:

Talli fit-2 ta’ Mejju, 2004 ghall-habta tad-9:30 p.m. fil-‘Football Grounds’ ta’ Ta’ Qali, waqt partita football ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ PC 1243 G. Polidano, persuna inkarigata skond il-Ligi minn Servizz Pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz; u dan bi ksur tal-Artiklu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2) Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza jew hebb, ta’ xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra l-istess PC 1243 G. Polidano, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz publiku, waqt li din il-persuna kienet tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti; dan bi ksur tal-artiklu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3) Talli fl-istess data, lok u hin u cirsostanzi hebb kontra persuna sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara lilha jew lil haddiehor kemm il-darba il-fatt ma ikunx jaqa taht xi dispozizjoni ohra tal-Kodici Kriminali; dan bi ksur tal-Artiklu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4) Talli fl-istess data, lok u hin u circustanzi qal kliem oxxen fil-pubbliku; dan bi ksur tal-Artikli 338(bb) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. CE3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Innutat ukoll li llum Seduta stante fil-prezenza ta' PC 1243 George Polidano l-imputat skuza ruhu dwar l-akkadut.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 95, 96, 339(1)(d) u 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Deamer Bartolo, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-eta` u l-Fedina Penali netta ta' l-imputat, il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li llum Seduta stante fil-prezenza ta' PC 1243 George Polidano l-imputat skuza ruhu dwar l-akkadut, tillibera lill-istess imputat taht il-provvediment ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed torbot lill-imputat Deamer Bartolo b'obbligazzjoni personali ta' mitt Liri Maltin (Lm100) li bl-ebda mod ma jimmolesta lil PC 1243 George Polidano ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Deamer Bartolo l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------